*Ir-ritratt tal-faċċata:*

# L-OSTENSORJU TAR-RELIKWA TA' SAN ĠORĠ



Fl-1741, il-Kappillan Dun Ġużepp Vella żanżan il-vara ta' San Ġorġ iżda ma' din l-istatwa ġdida żanżan ukoll **Ostensorju bir-Relikwa tal-Qaddis Titulari** li kien tal-fidda b'xi partijiet maħsula bid-deheb. Kien rigal ta' mara Mawmettana li kienet saret Nisranija, jisimha Tereża, li qabel kienet ilsira fqira imma li stagħniet bil-ġid li ħallitilha s-Sinjura Clotilde Decos li kienet ġabritha magħha u tatha kunjomha. Din il-benefattriċi, Tereża de Decos, mietet fl-eta' ta' 86 sena nhar l-24 t'April 1761 (l-għada tal-festa li dak iż-żmien kienet iċċelebrata proprju fil-jum liturġiku) u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Fl-1936, il-Kappillan Dun Anton Vella, bi qbil mal-kleru u l-parruċċani qormin, għamel ostensorju ġdid u s-sieq sabiħ tal-qadim ġie inkorporat fil-ġdid, kompromess artistiku li tassew irnexxa. Dan l-ostensorju fih madwar 170 ħaġra prezzjuża u tħallas bil-ġbir minn fost il-poplu u l-għotjiet privati ta' diversi ħaġriet. Ix-xogħol sar għand l-arġentier Pawlu Pace minn Bormla. Fis-16 ta' Mejju 1936, l-Arċisqof Dom Mawru Caruana O.S.B. iddegreta 100 jum indulgenza lil min jgħid bil-qalb Pater, Ave u Glorja quddiemu. Fil-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor, id-dilettanti tan-nar irregalaw lill-Knisja Parrokkjali sett ta' sitt gandlieri u pedestall, ilkoll tal-fidda, biex jintużaw għat-Translazzjoni ta' lejlet il-festa u biex fuqu jitqiegħed l-ostensorju fuq l-artal maġġur.

**(Tagħrif miġbur mill-kitbiet tal-mibkijin Kanonku Dun Ġwakkin Schembri u Carmelo Psaila)**

***Dr Joseph F. Grima***

# Festa 2008



# Bejniétna

Għadd 149